

- 5) Sa fejn qorti nazzjonali, meta tikkunsidra l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru°2201/2003, għandha tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, inkluż ix-xewqa ta' omm li taħrab mis-servizzi soċjali tal-Istat ta' oriġini tagħha billi tmur, sabiex twelled it-tifel tagħha, f'pajjiż ieħor li fil-fehma tagħha s-sistema ta' servizzi soċjali hija iktar favorevoli?
- 6) Eżattament liema huma l-punti li qorti nazzjonali għandha teżamina sabiex tistabbilixxi liema qorti tinsab f'pożizzjoni aħjar" biex tiddeċiedi l-każ?

(¹) Regolament (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243)

**Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mill-Court of Appeal (l-Irlanda) fil-5 ta' Awwissu 2015 –
Evelyn Danqua vs The Minister for Justice and Equality Ireland u the Attorney General**

(Kawża C-429/15)

(2015/C 320/31)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinviju

Court of Appeal

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Evelyn Danqua

Konvenuti: The Minister for Justice and Equality, Ireland u the Attorney General

Parti oħra: The Refugee Legal Services

Domandi preliminari

- 1) Fid-dawl tal-prinċipju ta' ekwivalenza, applikazzjoni għal ażil, irregolata minn leġiżlazzjoni nazzjonali li tirrifletti l-obbligi tal-Istat Membru skont [id-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE, tad-29 ta' April 2004, dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija], tista' titqies bħala punt ta' paragon xieraq ma' applikazzjoni għal protezzjoni sussidjarja?
- 2) Fil-każ ta' risposta affermativa għall-ewwel domanda, għandu jitqies f'dan ir-rigward il-fatt li t-terminu li fih għandhom jiġu ppreżentati l-applikazzjonijiet għal protezzjoni sussidjarja jservi l-għan importanti li jiġi żgurat li l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali jkunu ttrattati f'terminu raġonevoli?

**Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mis-Supreme Court of the United Kingdom (ir-Renju Unit)
fil-5 ta' Awwissu – Secretary of State for Work and Pensions vs Tolley (deċeduta, li qegħda taġixxi
permezz tar-rappreżtant personali tagħha)**

(Kawża C-430/15)

(2015/C 320/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinviju

Supreme Court of the United Kingdom